**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru : 249/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MT**

**U**

**JT**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' MT u JT, datat 15 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewgu fl-4 ta' Gunju 1991, skont kif jidher mill-Att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 820/19, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled iben wiehed JST, li twieled f'X, certifikat tat-twelid hawn anness u mnarkat Dok B, liema iben huwa maggiorenni;*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom ufficjalment separati sa mill-11 ta' Jannar 2001, u dan kif indikat mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dok C, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-Artiklu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ebda arretrati ta' manteniment ma huma dovuti bejn il-partijiet u lanqas jezistu pendenzi ohrajn bejniethom;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg u dan kif anke kkonfermat mill-partijiet infushom fid-dikjarazzjonijiet guramentati hawn annessi u mmarkati bhala Dok RT u Dok JT.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgboha:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar l-4 ta' Gunju 1991, ai termini tal-Artikolu 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Registru tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat x-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MT, xehdet (vide affidavit fol 3)** illi l-kontendenti izzewwgu nhar l-4 ta' Gunju 1991, li minn dan iz-zwieg kellhom tifel, illum adult. Xehdet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar il-11 ta' Jannar 2001, fl-atti tan-Nutar Dr Henry Sciriha. Iddikjara illi huma ghandhom relazzjonijiet ma persuni ohra u ma hemm ebda tama ta'

rikonciljazzjoni, ghalhekk ftehmu li jippresentaw dan r-rikors ghad-divorzju.

**JT** xehed (vide affidavit fol 4) u kkollabora u kkonferma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Gunju 1991, liema zwieg jgib c-certifikat numru 820/1991 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 5), u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-11 ta' Jannar 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Henry Sciriha (vide Dok C, a fol 7 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 820/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jigu divizi bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**